# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 796

KAZ NRU. 1010

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Victor Fiorentino

u

Visa Laundry

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 18 ta’ Frar, 1997

**Chairman : Is-Sur Maurice Petrocochino**

Dan il-kaz kien gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Ministru kif intqal fid-decizjoni preliminari Nru. 787 moghtija fil-21 ta’ Jannar, 1997.

Dik id-decizjoni ma accettatx ir-*redundancy* mhabba trasferiment ta’ impjegati ta’ kumpanija ohra u halliet il-kaz ghall-kontinwazzjoni biex jigi stabbilit (a) jekk fil-fatt kienx hemm *redundancy* ghal xi raguni ohra u (b) jekk kien hemm *redundancy*, sarux il-proceduri skond il-Ligi.

Fl-ewwel seduta wara d-decizjoni fuq imsemmija, il-kumpanija irrilevat zball fil-konsiderazzjonijiet peress li ma kienx minnu li wahda mill-kumpaniji tal-Grupp ghalqet; gie rilevat li l-kumpanija tal-Hilton ma kienitx tal-Grupp.

Apparti l-fatt li dan il-punt kien gie dikjarat mis-sur Mifsud fix-xhieda tieghu tat-12 ta' Novembru, 1996 dan l-izball huwa ta' dettal u ma jaffettwa xejn ir-ragunijiet li wasslu it-Tribunal ghad-decizjoni li nies li kellhom jigu assorbiti mill-Grupp temporanjament ma kellhomx jigu assorbiti a skapitu tal-impjegati tal-azjendi ohra tal-Grupp u ghalhekk ma setax isehh il-principju li *s-seniority* tinhadem fuq is-servizz bejn l-impjegati kollha tal-Grupp.

Tajjeb li jinghad hawn li l-isem tal-kumpanija li kienet timpjega lill-appellant ma kienx dak tal-*occhio* imma kien Visa Cleaners Ltd ta' RL3 Ricasoli Industrial Estate; gie registrat Visa Laundry mill-Ministru meta l-appellant ghamel l-ilment tieghu u ta' dak l-isem li kien u ghadu *t-trade name* taghha.

Il-kumpanija regghat tellghet jixhed lis-sur Mifsud li bix-xhieda tieghu, apparti milli ikkjarifika dak li kien espost fl-*iStatement of Case* tefa' dubbju fuq il-kompetenza tal-appellant ghal kariga li kellu - fattur li ma ghandu ebda rilevanza ma *redundancy*.

Fl-*iStatement of Case* tal-kumpanija ntqal li l-appellant kien gie mpjegat mal-Visa Cleaners Ltd fl-1 ta' Frar, 1995 bhala *Laundry Manager.*

Il-kumpanija kienet tappartjeni bi shab lill-Easysell/Fenech Group u Taljan; meta din kienet sejra hazin hafna nxtrat mill-Grupp u wara li baqghat sejra hazin il-Grupp waqqaf l-operat, iddikjara lill-impjegati kollha *redundant* u ta *management contract* lit-TG Services, kumpanija li kienet *fully owned* mill-istess Grupp.

It-Tribunal jhoss li d-Direttur tax-Xoghol jmissu intervjena immedjatament ghaliex *management* gdid ta' kumpanija ma jistax jiddikjara lil kulhadd *redundant* biex imbaghad jdahhal impjegati ohra. Ghal din ir-raguni jordna li kopja ta' din id-

decizjoni tintbaghat lid-Direttur biex jiehu l-passi li jidhirlu mehtiega ghall-futur.

Inghad ukoll li kieku ma sarx l-imsemmi *management contract* tat-TG Services, l-impjegati tal-istess TG Services kienu jitkeccew mal-gheluq tal-Hilton Laundry u li kellhom *seniority* mal-Grupp itwal minn dak tal-impjegati tal-Visa Cleaners Ltd li gew dikjarati *redundant.*

Inghad ukoll li l-*management* originali tal-Visa Cleaners kien inkompetenti u hati ta' negligenza grassa.

Dawn huma fatturi li jistaw jwasslu ghal tkeccija gustifikata imma zgur ma setghux jwasslu ghal *redundancy* u la l-*management* ma hax dik it-triq ma jistax issa jqajjem dawk l-allegati nuqqasijiet.

Intqal ukoll li l-Hilton kellha nies u makkinarju ta' Laundry li gie trasferit fl-RL 3, Ricasoli tal-Visa Cleaners Ltd u b'hekk gie sostnut li l-Hilton u/jew TG Services kellhom interess li t-tmexxija taqa' taht organizazzjoni ohra.

Din ukoll hija pretensjoni li ma tistax tigi accettata li twassal ghal *redundancy* tal-impjegati tal-Visa Cleaners Ltd li kellha kuntratt ta' servizz mal-impjegati taghha.

It-TG Services kellha *management contract*, setghet tibghat esperti, setghet tiehu passi ta' dixxiplina kontra l-impjegati tal-Visa Cleaners Ltd pero' ma setghetx tkecci nies fuq *redundancy basis* ghaliex gabet nies taghha jew minn kumpaniji ohra, aktar u aktar meta dawn in-nies godda kienu ghadhom impjegati ma haddiehor.

Is-sur Mifsud xehed li l-Visa Cleaners Ltd ma baqghetx topera pero' hu stess, tul it-trattazzjoni quddiem dan it-Tribunal

kien ghadu jikteb ghan-nom ta’ Visa Cleaners Ltd fuq *letter heads* taghha.

Minn naha l-ohra is-sur Fiorentino xehed li sal-bidu ta’ Frar, 1997 il-bini RL3 Ricasoli kien ghadu juri il-logo tal-Visa u li trakkijiet kienu ghadhom jghabbu xoghol ta’ Laundry minn hemm.

Ghal dawn il-motivi t-temm tal-impjieg mhabba *redundancy* ma jistax jigi accettat.

Peress li l-appellant kellu kariga managerjali lanqas ma hu opportun li jigi ordnat re-instatement u allura sejjer jigi fissat kumpens.

It-Tribunal jiddeciedi li l-appellant ghandu jinghata kumpens ta’ Lm8,000 u jordna li Lm2,000 ghandhom jithallsu mhux izjed tard mill-25 ta’ Frar, 1997, Lm3,000 ohra mhux izjed tard mis-17 ta’ Marzu, 1997 u l-ahhar Lm3,000 mhux izjed tard mis-17 ta’ April, 1997.

Ghal finijiet tar-Regolamenti tal-1986 (A.L. 48 tal-1986) dwar drittijiet li jithallsu, it-Tribunal qieghed jintaxxa lid-difensur tal-kumpanija il-massimu permess li hu ta’ Lm40. L-appellant ma kien assistit minn hadd.

B’hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

---------------------
**Maurice Petrocochino**
**CHAIRMAN**

------------------
**Joyce Agius**
**A/SEGRETARJA**
mrg